Index No:_______________ ĊES25/1.14m-SEC25/1.14m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
# SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL

## SESSJONI MEJJU 2014/MAY 2014 SESSION

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | I |
| DATA/DATE: | 14 ta' Mejju 2014/14th May 2014 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6.00 p.m. |

**Sezzjoni A (50 marka): Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section A (50 marks): Answer ALL the following questions. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. X'tgħallem il-Knisja dwar ir-Reliġjonijiet mhux Insara? (2 marki)
*What does the Church teach about non-Christian Religions? (2 marks)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. X'jismu l-aħħar ktieb tal-Bibbja? (marka)
*What is the name of the last book of the Bible? (1 mark)*

______________________________________________

3. Semmi **erba'** affarijiet li għandna nqisu biex nifhmu tajjeb il-messaġġ ta' Alla li riedu jwasslu l-bnedmin li kitbu l-Bibbja. (2 marki)
*Name **four** things that we should consider to understand God's message which the human authors of the Bible wished to convey. (2 marks)*

(i) ______________________________________________

(ii) ______________________________________________

(iii) ______________________________________________

(iv) ______________________________________________

4. Agħti eżempju ta' forma letterarja użata fil-Bibbja. (marka)
*Give an example of a literary form used in the Bible. (1 mark)*

______________________________________________

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. F'liema sens il-Bibbja hija gwida tajba għall-ħajja? (2 marki)
*In what sense is the Bible a good guide for life? (2 marks)*

6. Min kellu post speċjali fil-ħolqien u għaliex? (2 marki)
*Who had a special place in creation and why? (2 marks)*

7. a) Liema wieħed minn ulied Ġakobb wassal biex il-Lhud emigraw lejn l-Eġittu? (marka)
*a) Which one of the sons of Jacob led the Jews to migrate towards Egypt? (1 mark)*

b) Kif tkompliet il-ġrajja tiegħu fl-Eġittu? (marka)
*b) How did his story in Egypt continue? (1 mark)*

8. Semmi **żewġ** affarijiet importanti li nitgħallmu dwar Alla mill-ġrajja tal-Eżodu. Għal kull waħda irreferi għall-parti rilevanti tal-ġrajja. (4 marki)
*Name **two** important things that we learn about God from the Exodus event. For each one refer to the relevant part of the event.* (4 marks)

(i)

(ii)

9. B'liema modi kienet imħejjija Marija biex iġġib lil Ġesù fid-dinja? (marka)
*In what ways was Mary prepared, to eventually give birth to Jesus? (1 mark)*

10. Semmi sentiment uman li deher f'Ġesù, u ikteb meta dan is-sentiment intwera. (2 marki)
*Mention a human sentiment which was visible in Jesus, and write when this sentiment manifested itself. (2 marks)*

11. Għaliex Ġesù xebbah lill-Knisja ma' għalqa bil-qamħ u s-sikrana? (2 marki)
*Why did Jesus compare the Church to a field of wheat and darnel?* *(2 marks)*

12. Spjega fil-qosor x'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hija 'l-Ġisem ta' Kristu'. (2 marki)
*Briefly explain what we understand when we say that the Church is the 'Body of Christ'.*

*(2 marks)*

13. Fisser dan il-kliem:
*Explain these words:*

a) Moviment Ekumeniku (marka)
*a) Ecumenical Movement* *(1 mark)*

b) Kolleġġjalità (marka)
*b) Collegiality* *(1 mark)*

ċ) Infallibbiltà (marka)
*c) Infallibility* *(1 mark)*

d) Ordni Sagri (marka)
*c) Holy Orders* *(1 mark)*

14. a) Agħti isem ieħor għas-Sagrament tal-Qrar. (marka)
*a) Give another name for the Sacrament of Confession.* *(1 mark)*

b) Fisser għaliex ingħata dan l-isem. (marka)
*b) Explain why this name was given.* *(1 mark)*

15. B'liema mod nuru umiltà quddiem Alla meta mmorru nqerru? (marka)
*How do we show humility in front of God when we go to confession?* *(1 mark)*

16. Liema ġrajja mit-Testment il-Qadim kien qed ifakkar Ġesù meta ċċelebra l-Aħħar Ċena mal-Appostli? (marka)
*Which account from the Old Testament was Jesus commemorating when he celebrated the Last Supper with the Apostles?* *(1 mark)*

17. Spejga għaliex jeħtieġ li ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija tkun sostnuta bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. (2 marki)
*Explain why the celebration of the Eucharist needs to be complemented by the hearing of the Word of God.* *(2 marks)*

18. X'vantaġġ jista' jkollha ħidma li ssir b'mod volontarju fuq ħidma li ssir bi ħlas? (2 marki)
*What advantage could voluntary work have over paid work?* *(2 marks)*

19. Għaliex in-Nisrani huwa msejjaħ 'Tempju tal-Ispirtu s-Santu'? (2 marki)
*Why is the Christian called 'Temple of the Holy Spirit'?* *(2 marks)*

20. Semmi **żewġ** affarijiet importanti sabiex verament nibnu stima tajba tagħna nfusna. (2 marki)
*Name **two** important things to really achieve a positive self-esteem.* *(2 marks)*

(i) ____________________

____________________

(ii) ____________________

____________________

21. Agħti **tliet** eżempji biex turi kif Ġesù wera r-rispett lejn il-ħajja tal-bniedem. (3 marki)
*Give **three** examples to demonstrate how Jesus showed respect for human life.* *(3 marks)*

(i) ____________________

(ii) ____________________

(iii) ____________________

22. Il-Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* hu dokument tal-Konċilju Vatikan II. Dwar xiex jitkellem dan id-dokument? (marka)
*The Pastoral Constitution Gaudium et Spes is a document of Vatican Council II. What is the subject matter of this document?* *(1 mark)*

____________________

____________________

23. Għaliex il-Knisja tqis ix-xogħol bħala tisħib fil-ħidma ta' Alla bħala Ħallieq? (2 marki)
*Why does the Church consider work as partaking in the work of God as Creator?* *(2 marks)*

____________________

____________________

____________________

24. Iż-żwieġ Nisrani huwa ħafna iżjed minn kuntratt naturali bejn il-bnedmin. Agħti **tliet** raġunijiet biex tfisser dan. (3 marki)
*Christian marriage is much more than a natural contract between human beings. Give **three** reasons to explain this.* *(3 marks)*

(i) ____________________

(ii) ____________________

(iii) ____________________

25. Għaliex iż-żwieġ hu s-Sagrament li permezz tiegħu l-ġenituri jsiru l-edukaturi ewlenin ta' uliedhom? (2 marki)
*Why is marriage the Sacrament through which parents become the main educators of their children? (2 marks)*

**Sezzjoni B (25 marka): Wieġeb dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' paragrafu. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section B (25 marks). Answer these five questions by writing a paragraph on each. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. L-abort f'każ ta' stupru huwa ġġustifikat? Spjega t-tweġiba tiegħek. (5 marki)
*Is abortion in the case of rape justified? Explain your answer. (5 marks)*

2. Fisser għaliex il-ħaddiem għandu jiġi qabel ix-xogħol. (5 marki)
*Explain why the worker should take priority over work. (5 marks)*

3. Irrakkonta dak li seħħ fl-Aħħar Ċena u ikteb l-kelmiet li bihom Ġesù waqqaf is-Sagrament tal-Ewkaristija. (5 marki)
*Narrate what happened during the Last Supper and write the words by which Jesus instituted the Sacrament of the Eucharist. (5 marks)*

***Jekk jogħġbok aqleb wara.***
***Please turn the page.***

4. Fil-Kredu ta' Niċea nistqarru: "Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru. Imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier u bih sar kollox. Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna. U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem".
   Għal liema Persuna tat-Trinità Qaddisa nkunu qed nirreferu? Agħti spjegazzjoni ta' din l-istqarrija. (5 marki)
   *In the Nicene Creed we profess: "God from God, Light from Light, true God from true God, begotten, not made, of one Being with the Father. Through him all things were made. For us and for our salvation he came down from heaven: by the power of the Holy Spirit he became incarnate from the Virgin Mary, and was made man".*
   *Which person of the Holy Trinity are we referring to? Explain this statement. (5 marks)*

5. Il-Bibbja hija l-Kelma t'Alla. Fisser għaliex l-Insara jemmnu dan u ikteb dwar kif din waslet għandna. (5 marki)
   *The Bible is the Word of God. Explain why Christians believe this and write how it was delivered to us. (5 marks)*

**Sezzjoni Ċ (25 marka): Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section C (25 marks): Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. **Is-Sejħa ta' Levi.**
   ***The Call of Levi.***

Wara dan, Ġesù ħareġ u lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi, u qallu: "Ejja warajja." Dak telaq kollox, qam u mar warajh. Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra. Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: "Dan il-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?" U Ġesù weġibhom: "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema" *(Luqa 5, 27-32).*

*When he went out after this, Jesus noticed a publican, Levi by name, sitting at the tax office, and said to him, 'Follow me.' And leaving everything Levi got up and followed him. In his honour Levi held a great reception in his house, and with them at table was a large gathering of publicans and others. The Pharisees and their scribes complained to his disciples and said, 'Why do you eat and drink with publicans and sinners?' Jesus said to them in reply, 'It is not those that are well who need the doctor, but the sick. I have come to call not the upright but sinners to repentance' (Luke 5, 27-32).*

a. X'kien ix-xogħol li kienu jagħmlu l-pubblikani? (2 marki)
*a. What was the work of the publicans? (2 marks)*

______________________________________________

______________________________________________

b. Kif wieġeb Levi għas-sejħa li għamillu Ġesù? (2 marki)
*b. How did Levi reply to Jesus' call? (2 marks)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

ċ. Ġesù kien jiltaqa' mal-pubblikani u l-midinbin, u jiekol u jixrob magħhom. X'messaġġ xtaq iwasslilna Ġesù permezz ta' din l-imġiba? (2 marki)
*c. Jesus used to meet publicans and sinners, and eat and drink with them. What message did Jesus wish to give us by this behaviour? (2 marks)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

d. "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema." Kif għandna nifhmu din l-istqarrija ta' Ġesù? (2 marki)

*d. "It is not those that are well who need the doctor, but the sick. I have come to call not the upright but sinners to repentance.' How should we understand Jesus' statement? (2 marks)*

e. Skont dan ir-rakkont, x'inhu meħtieġ biex wieħed isir dixxiplu ta' Ġesù? (2 marki)

*e. According to this narrative, what is needed for one to become a disciple of Jesus? (2 marks)*

**2. Is-Sagrament li jsaħħaħ fina l-grazzja tal-Magħmudija.**

*The Sacrament which strengthens Baptismal grace in us.*

Normalment nirriferu għal dan is-sagrament bħala l-"Griżma", kelma li tfisser "dilka". U fil-fatt, permezz taż-żejt imsejjaħ "Griżma mqaddsa", bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, insiru ħaġa waħda ma' Ġesù Kristu, li hu l-"midluk" waħdieni u veru, il-"Messija", il-Qaddis ta' Alla. It-terminu "Konfirmazzjoni" imbagħad ifakkarna li dan is-Sagrament ikabbar fina l-grazzja tal-Magħmudija: jgħaqqadna b'qawwa ikbar ma' Kristu; iwettaq ir-rabta tagħna mal-Knisja; jagħtina l-qawwa speċjali tal-Ispirtu s-Santu biex nistgħu nxerrdu l-fidi u nħarsuha, … biex nistqarru l-isem ta' Kristu u biex qatt ma nistħu mis-salib tiegħu.

Il-Konfirmazzjoni, bħal kull Sagrament ieħor, mhix opra ta' jdejn il-bnedmin, imma ta' Alla, li jieħu ħsieb ta' ħajjitna hekk li jagħġinna fix-xbieha ta' Ibnu, biex jagħmilna kapaċi nħobbu bħalu. Dan jagħmlu billi jsawwab fina l-Ispirtu s-Santu tiegħu, li l-azzjoni tiegħu tixtered fil-persuna u l-ħajja kollha, kif tidher ukoll fis-seba' doni li t-Tradizzjoni, fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa, dejjem għafset fuqhom ... Meta nilqgħu lill-Ispirtu s-Santu f'qalbna u nħalluh jaħdem, Kristu stess jiġi fina u jissawwar f'ħajjitna; permezz tagħna, ikun Hu Kristu nnifsu, li jitlob, li jaħfer, li jxerred it-tama u l-faraġ, li jaqdi lill-aħwa, li jersaq qrib min hu fil-bżonn u min iħossu mwarrab, li joħloq komunità u jiżra' l-paċi. Aħbsu ftit fuq kemm hu importanti dan: permezz tal-Ispirtu s-Santu, Kristu stess jiġi jagħmel dan kollu fostna u għalina. Għalhekk hu importanti li t-tfal u l-adolexxenti jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof (Papa Frangisku, Udjenza Ġenerali, 29 ta' Jannar 2014).

*We commonly speak of this sacrament as that of "Chrismation", a word that signifies "anointing". And, in effect, through the oil called "sacred Chrism" and by the power of the Holy Spirit we become one with Jesus Christ, who is the only true "anointed One", the "Messiah", the Holy One of God. The word "Confirmation" then reminds us that this Sacrament increases and deepens the grace received at baptism: it unites us more firmly to Christ, it renders our bond with the Church more perfect, and it gives us the special strength of the Holy Spirit to spread and defend the faith, ... to confess the name of Christ boldly, and never to be ashamed of his Cross.*

*Confirmation, like every Sacrament, is not the work of men but of God, who takes care of our lives in such a manner as to mould us in the image of his Son, to make us capable of loving like him. He does this by infusing in us his Holy Spirit, whose action pervades the whole person and his entire life, as reflected in the seven gifts that Tradition, in the light of the Sacred Scripture, has always highlighted... When we welcome the Holy Spirit into our hearts and allow him to act, Christ makes himself present in us and takes shape in our lives; through us, it will be he — Christ himself — who prays, forgives, gives hope and consolation, serves the brethren, draws close to the needy and to those who feel neglected, creates community and sows peace. Think how important this is: by means of the Holy Spirit, Christ himself comes to do all this among us and for us. That is why it is important for children and young people to receive the Sacrament of Confirmation (Pope Francis, General Audience, 29th January 2014).*

a. Liema effetti tħalli l-Griżma tal-Isqof fuq min jirċeviha? (3 marki)
*What effects does Confirmation leave on those who receive it?* *(3 marks)*

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

b. Għaliex hu importanti li l-adolexxenti jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? (3 marki)
*Why is it important that adolescents receive the Sacrament of Confirmation?* *(3 marks)*

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

***Please turn the page.***
***Jekk jogħġbok aqleb wara.***

ċ. Liema huma s-simboli li jintużaw fis-Sagrement tal-Griżma tal-Isqof? (3 marki)
*c. Which are the symbols used in the Sacrament of Confirmation? (3 marks)*

d) Liema huma s-seba' doni li jsawwab l-Ispirtu s-Santu fuq min jirċievi s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? (3 marki)
*d) Which are the seven gifts that the Holy Spirit bestows on those who receive the Sacrament of Confirmation? (3 marks)*

e) Għaliex is-Sagrament tal-Griżma "mhux xogħol il-bniedem, imma ta' Alla" (3 marki)
*e)* Why is the Sacrament of Confirmation "*not the work of men but of God"? (3 marks)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2014/MAY 2014 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIA |
| DATA/DATE: | 16 ta' Mejju 2014/16th May 2014 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6:00 p.m. |

**Din il-karta tiswa 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija tiswa 50 marka minn total ta' 150.**

***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these five questions in essay format. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

**1. Il-messaġġ reliġjuż tal-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi**
***1. The religious message of the first three chapters of Genesis***

a) Liema veritajiet reliġjuzi dwar Alla jwasslilna r-rakkont tal-ħolqien li nsibu fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi? Uri wkoll b'liema mod dan il-messaġġ jitwassal lilna.
*What religious truths about God are conveyed to us in the creation narrative that is found in the first chapter of Genesis? Also show how this message is communicated to us.*

b) Mir-rakkont ta' Adam u Eva li nsibu fit-tieni kapitlu tal-Ġenesi, x'nitgħallmu dwar il-bniedem qabel ma waqa' fid-dnub?
*From the narrative of Adam and Eve found in the second chapter of Genesis, what do we learn about man before committing sin?*

c) X'nitgħallmu dwar id-dnub u dwar il-bniedem wara li dineb mir-rakkont tal-waqgħa ta' Adam u Eva kif insibuh fit-tielet kapitlu tal-Ġenesi?
*What do we learn about sin and about man after committing sin from the narrative of the fall of Adam and Eve as found in the third chapter of Genesis?*

**2. Ġesù hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx**
***2. Jesus is the image of the invisible God***

a) Liema huma d-dokumenti li juruna li Ġesù kien jgħix fost il-bnedmin? X'jgħidu dawn id-dokumenti dwar l-eżistenza storika ta' Ġesù?
*Which are the documents that show that Jesus dwelled amongst men? What do these documents say about Jesus' historical existence?*

b) Liema kwalitajiet juru li Ġesù kien tassew bniedem?
*Which qualities indicate that Jesus was indeed human?*

c) Uri kif Ġesù hu Alla fostna u magħna.
*Show how Jesus is God amongst us and with us.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**3. "Knisja Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika"**
***3. "One, Holy, Catholic, and Apostolic Church"***

a. Xi nfissru meta nistqarru li nemmnu fi "Knisja Waħda"? Uża x-xbieha tal-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu biex issaħħaħ dak li tikteb.
*What do we mean when we profess our belief in "One Church"? Use the image of the Church as the Body of Christ to support your answer.*

b. Għaliex ngħidu li l-"Knisja hi Kattolika"? Fit-tweġiba tiegħek irreferi wkoll għall-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda u agħti t-tifsira tagħha.
*Why do we say that the "Church is Catholic"? In your answer, also refer to the parable of the mustard seed and give its meaning.*

c. Spjega x'nifhmu meta ngħidu li nemmnu fi "Knisja Qaddisa" u fi "Knisja Appostolika".
*Explain what we mean when we assert that we believe in a "Holy Church" and an "Apostolic Church".*

**4. Id-dinjità tal-ħajja umana**
***4. The dignity of the human life***

a. X'nitgħallmu mill-Bibbja dwar id-dinjità tal-persuna umana?
*What do we learn from the Bible about the dignity of the human person?*

b. X'inhu l-messaġġ tal-Bibbja dwar l-ambjent? X'għandha tkun l-attitudni tan-Nisrani lejn l-ambjent?
*What is the message of the Bible about the environment? What should the Christian's attitude towards the environment be?*

c. X'tista' tagħmel fl-ambjent ta' madwarek sabiex jinħoloq ambjent ta' rispett ġenwin lejn il-ħajja umana?
*What can you do in your surroundings to help create an environment of genuine respect to human life.*

**5. Qdusija fl-imħabba**
***5. Sanctification through love***

a. Semmi l-karatteristiċi tal-imħabba taż-żwieġ għan-Nisrani. Fisser **tnejn** minnhom fid-dettal, u ddiskuti kif, fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, jistgħu jiġu mgħixa minn koppja miżżewġa.
*Name the characteristics of love in marriage for Christians. Explain any* ***two*** *in detail, and discuss how they can be lived by a married couple, in their everyday life.*

b. L-espressjoni "is-sejħa ta' kulħadd għall-qdusija" tfisser li kulħadd hu msejjaħ biex ikun qaddis fl-istat ta' ħajja li jagħżel. Fisser kif din il-qdusija jistgħu jgħixuha raġel u mara li jiżżewġu, min ma jiżżewwiġx, u anke min jagħżel il-ħajja reliġjuża.
*The expression "everybody's call to holiness" means that everyone is called to become a saint through the state of life he/she choses. Explain how this holiness can be lived by a man and a woman that get married, those who are not married, as well as those who choose the religious life.*

c. Spjega għaliex ngħidu li f'Marija nilmħu l-eżempju perfett ta' kif in-Nisrani għandu jwieġeb għas-sejħa ta' Alla.
*Explain why we say that through Mary, we come across the perfect example of how the Christian should respond to God's call.*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2014/MAY 2014 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIB |
| DATA/DATE: | 16 ta' Mejju 2014/16th May 2014 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6:00 p.m. |

**Din il-karta tiswa 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn l-14-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija tiswa 15-il marka minn total ta' 150.**

***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these fourteen questions in paragraph format. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. Irreferi għal dak li taf dwar ir-Reliġjonijiet il-kbar mhux Insara biex turi kif dawn kollha jfittxu li jwieġbu l-mistoqsijiet tal-bniedem dwar x'jiġri minnu wara l-mewt.
   *Refer to what you know about the major non-Christian Religions to show that they all seek to answer man's questions about what happens to him after death.*

2. Waqt diskussjoni fuq it-traduzzjoni tal-Bibbja: "Għalija l-isbaħ verżjoni hi dik tar-Re Ġakbu miktuba b'Ingliż klassiku!" "Nippreferi dik Amerikana miktuba b'Ingliż li jifhmu kulħadd." "Nagħżel iktar dik ta' Ġerusalemm għax miktuba bi stil mexxej imma minn esperti tal-Bibbja." "L-isbaħ traduzzjoni," qabeż wieħed mis-semmiegħa, "hi dik ta' ommi ... hi kapaċi tittraduċi l-Bibbja f'għemejjel ta' mħabba."
   Fisser kif il-Kelma ta' Alla li nsibu fil-Bibbja tgħinna nikbru fl-imħabba tagħna lejn il-proxxmu.
   *During a discussion on the translation of the Bible: "For me the most beautiful version is that of King James, written in classical English!" "I prefer the American version written in an English understood by all." "I'd rather choose the Jerusalem version because it is written in a flowing style but by experts of the Bible." "The most beautiful translation," said one of the listeners, "is that of my mother ... she is able to translate the Bible into deeds of love."*
   *Explain how the Word of God which we find in the Bible helps us to grow in love towards our neighbour.*

3. Id-dnub hu l-għerq ta' kull firda u ta' kull ħażen. Irrakkonta l-istorja tal-ewwel dnub kif insibuha fil-ktieb tal-Ġenesi.
   *Sin is at the root of every division and of all evil. Narrate the story of the first sin as we find it in the book of Genesis.*

4. Jekk nagħtu ħarsa madwarna ninnutaw li xi wħud għandhom idea żbaljata ta' min hu Alla. Semmi talanqas **tliet** ideat żbaljati ta' Alla u spjega għaliex huma żbaljati.
   *If we look around us we notice that some have a mistaken idea of who God is. Mention at least* ***three*** *wrong ideas of God and explain why these are wrong.*

5. Ikteb dwar **tliet** kwalitajiet sbieħ li wieħed jistenna li jara fil-bniedem. Uri kif dawn il-kwalitajiet kienu jidhru fil-Persuna u l-ħidma ta' Ġesù.
   *Write about* ***three*** *beautiful qualities that one expects to see in a human being. Show how these qualities manifested themselves in the Person and mission of Jesus.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

6. Il-Knisja ta' Ġesù tintgħaraf minn erba' kwalitajiet. Ikteb liema huma u, fi kliemek, agħti it-tifsira ta' kull waħda minnhom
*The Church of Jesus is distinguished by four characteristics. Write them down and, in your own words, give the meaning of each one of them.*

7. Spjega l-importanza tas-Sagrament tal-Qrar għar-rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u mal-Knisja.
*Explain the importance of the Sacrament of Penance for our reconciliation with God and with the Church.*

8. Għaliex ngħidu li l-Quddiesa m'għandniex biss niċċelebrawha iżda wkoll ngħixuha f'kull mument ta' ħajjitna?
*Why do we say that the Mass should not only be celebrated but also lived in every moment of our lives?*

9. X'għandu jkun l-għan prinċipali ta' kull attività politika? Spjega kif in-Nisrani jista' jagħti sehmu fl-attività politika.
*What should be the main purpose of every political activity? Explain how a Christian can contribute to political activity.*

10. "Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jiskopri liġi li ma għamilhiex hu iżda li jrid jobdiha" (*Gaudium et Spes,* 16). X'tifhem meta tgħid 'kuxjenza'? Il-bniedem kif jifforma l-kuxjenza tiegħu?
*"In the depth of his conscience, man detects a law which he does not impose upon himself, but which holds him in obedience." (Gaudium et Spes, 16). What do you understand by 'conscience'? How does the human being form his conscience?*

11. Il-Ħajja: rigal li l-bniedem irid jgħożż. Spjega x'inhuma l-abort u l-ewtanasja. X'inhuma r-raġunijiet għaliex l-Knisja tqis l-abort u l-ewtanasja bħala offiżi mill-aktar gravi kontra Alla?
*Life: a gift man must cherish. Explain the meaning of abortion and euthanasia. What are the reasons why the Church considers abortion and euthanasia as serious offences against God?*

12. Matul is-snin, il-Knisja ħasbet biex tfassal il-ħsieb Nisrani dwar ix-xogħol u l-qagħda tal-ħaddiema. Ikteb dwar x'inhu t-tagħlim Kattoliku dwar l-għanijiet li jrid jilħaq ix-xogħol.
*Along the years, the Church sought to draw out the Christian view regarding work and the workers situation. Write down the Catholic teaching about the objectives that should be pursued by work.*

13. Semmi l-karatteristiċi tal-imħabba taż-żwieġ Nisrani. Fisser **tnejn** minnhom fid-dettal, u ddiskuti kif jistgħu jgħixuhom koppja miżżewġa fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.
*Name the characteristics of love in Christian marriage. Explain any **two** in detail, and discuss how they can be lived by a married couple in their everyday life.*

14. Waqt li Fra kien qed inaddaf quddiem il-kunvent, għadda minn ħdejh raġel liebes pulit li bid-daħka qallu: "X'qatgħa tieħu Fra jekk meta tmut issib li ma hemmx Ġenna!" "Qatgħa tieħu int, ħabib, jekk meta tmut issib li hemm infern!"
Fisser x'tgħallem il-Knisja dwar il-ġenna, l-infern u l-purgatorju.
*While a friar was cleaning in front of the convent, a nicely dressed man passed by him, and mockingly told him: "What a fright you will get Friar, if when you die you find out that there is no Heaven!" "You will get a fright, my friend, if when you die you find out that there is hell!"*
*Explain the teaching of the Church about heaven, hell and purgatory.*